**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Gunju 2025**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Daryl Borg)**

**vs**

**Reginald Bugeja**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Reginald Bugeja ta' 40 sena, iben Paul u Maria Dolores nee` Hole, mwieled Pieta' nhar il-05 ta' Novembru 1972, residenti fil-Facilita' Korretiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 505272(M)

Akkuzat talli:

1. Fil-5 ta' Mejju 2004, f'xi hin bejn nofsinhar u l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq l-Gharreqin, Imdina, ikkometta serq ta' diversi ghodda fosthom gigger tal-marka 'Metabo', dynamo machine, tester dryer, brace tal-marka 'Metabo' u tliet intercom kits minn go vettura tal-ghamla Toyota Hiace tal-

kumpanija Masco Security Services Ltd. bin-numru tar-registrazzjoni ABM-918, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa iktar minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda m'huwiex izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Joseph Bartolo minn Naxxar;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla Toyota Hiace bin-numru tar-registrazzjoni ABM-918, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma huwa izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-detriment ta' Joseph Bartolo minn Naxxar;

3. U talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta' Settembru 2002;

4. U talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-20 ta' Jannar 2003;

5. U finalment akkużat talli sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-19 ta' Mejju 2016, li ma sabitx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, u illibertu minnhom.

4. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-25 ta' Gunju 2020 li laqghet l-appell tal-Avukat Generali u irrevokat is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2016, u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio ezami ordnat li l-atti

jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

5. Rat li b'ordni tal-Onorevoli Prim Imhallef tat-3 ta' Lulju 2020 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

6. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

7. Ghalkemm din il-Qorti tat liz-zewg partijiet il-fakolta li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet finali, hadd mill-partijiet ma ipprezenta tali nota.

**Il-FATTI**

8. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma in succint is-segwenti:

    i. Fil-5 ta' Mejju 2005, Joseph Bartolo irraporta lill-Pulizija li kellu vann tal-ghamla Toyota Hiace li kien ipparkjat taht l-Imdina, u meta marru l-haddiema tieghu biex jahdmu, sabu l-vann miftuh u diversi ghodda kif ukoll flus in kontanti neqsin.

    ii. Dak in-nhar stess, il-vettura giet ezaminita minn SM 1374 Edgar Dalli, li ikkonstata li l-vettura kellha l-quarter window tan-naha tal-passaggier imkissra, u li ghamel ezamijiet ghal impronti digitali jew marki ohra fuq il-vettura, u gew elevati diversi impronti.

    iii. Fid-19 ta' Dicembru 2012, il-Prosekuzzjoni resqet lill-imputat il-Qorti, u xlietu bl-imputazzjonijiet fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

9. Qabel tghaddi biex tikkonsidra l-meritu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun opportun li hija tikkonsidra zewg kwistjonijiet preliminari, li qieghdin jigu sollevati minn din il-Qorti *ex officio.*

*L-Ewwel Kwistjoni Preliminari – Zball fid-data fil-Komparixxi*

10. Il-Qorti tirrileva li fil-waqt li skond il-komparixxi, dan is-serq sar fil-5 ta' Mejju 2004, mix-xhieda ta' Joseph Bartolo u tal-Maggur Edgar Dalli u r-rapport minnu ezebit, jirrizulta ampjament li dan is-serq sar fil-5 ta' Mejju 2005.

11. Rigward dan id-difett fic-citazzjoni u l-effett tieghu, il-Qorti sejra tikkwota partijiet sostanzjali mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[1] tat-18 ta' Marzu 1955 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri**[2], li kienet tittratta talba ghal korrezzjoni fid-data tal-incident indikata fic-citazzjoni. Dan ghaliex l-insenjament taghha gie segwiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi sussegwenti. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"Issa ic-citazzjoni fil-gudizzji sommarji, kif jirrizulta mill-gurisprudenza lokali in propozitu, giet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali Ingliz (ara deciz. Preliminari "Pulizija vs. Bartoli", App. Krim. 8.1.1938, deciz definittivament fl-4 ta' Gunju 1938); u ghalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-principji tad-Dritt Ingliz dwar din il-materja, senjatament il-principju bazilari, hekk espress, aktar minn sebghin sena ilu, fil-kawza "Terreni vs. Gabaretta", 17 ta' Gunju 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef:- "Che e di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e indispensabilemente necessario attenersi strettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazione; beninteso che si debba accordare, qualora si domandi, o quando la Corte stessa lo crede necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto";*

[1] *Per* Imhallef William Harding
[2] Vol. XXXIX-IV-986

*Dan il-principju ma gie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-ligi dwar dak li ghandu jkun fiha c-citazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 ghal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap 12 Ediz. Riv.*[3]*). Tant illi fis-sistema Ingliza, fejn ic-citazzjoni ghandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Ligi Maltija (ara Stone's "Justices' Manual", Vol. II, para 77, pag. 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jinghad li ma hemm ebda nullita minhabba difett fic-citazzjoni, izda biss dritt ghal differiment fuq talba tal-imputat, jekk bl-izball dan seta' kien "misled" (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess haga qalet din il-Qorti fil-kawza "Polizia vs Ashby", 12 ta' Awissu 1917, b'dawn il-kliem "Le indicazioni ordinate coll'art. 360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e l'ordine della Polizia Esecutiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita giudiziaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovazione legislative nella indicazione delle particolarita della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cioe che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita nella citazione non ne producono la nullita, potendo una tale ommissone od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa."*

*L-istess gie ritenut f'dawn il-kawzi, fost ohrjan, App. Krim. "Pul. vs. Debono" 12 ta' Jannar 1918, "Carabott vs. Galea" 12 ta' Awissu 1918, "Pul vs. Carmelo Mariani" 12.6.1942. Ara wkoll decizjoni recenti ta' din i-Qorti kollegjalment komposta, "Regina vs. Cutajar, 13.12.1954;*

… …

*Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "deceived" jew "misled", jew b'xi mod pregudikat, ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu. Infatti, il-bazi tal-inkriminazzjoni kienet jekk kellux jew ma kellux fil-pussess tieghu 214 il-par*

[3] Illum l-Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*kalzetti tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setghax jizvijah. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-Prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza;*

*Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah "variance" ghax appuntu "variance" hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630. ... ..."*

12. L-istess insenjament baqa' jigi segwit fiz-zminijiet recenti. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Glenn Debattista**, deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet hekk:

*"Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti tal-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk tal-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX tal-1911, ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi tal-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l-provi*

[4] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti tal-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l-fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu."* (ara fl-istess sens is-sentenzi **Il-Pulizija vs Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 u **Il-Pulizija vs Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju, decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri))

13. Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rita Farrugia** deciza fil-31 Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:

*"Issa huwa minnu wkoll li fil-kaz prezenti hu veru li fic-citazzjoni ma hemmx indikat iz-zmien li fih sar l-allegat reat mill-appellanti w lanqas ma hemm xi indikazzjoni taz-zmien meta dan l-allegat reat kontinwat gie skopert u mwaqqaf. Hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz, l-eccezzjoni li qed tissolleva l-appellanti kellha taghmilha 'in limine litis' quddiem l-ewwel Qorti, dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax li din il-kwistjoni qatt tqajjmet mill-appellanti quddiem dik il-Qorti fl-istadji kollha ta' dawn il-proceduri kemm damu quddiemha. Dan ifisser li l-appellanti ma tistax issa tigi tqajjem ghall-ewwel darba din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti bhala wahda mill-aggravji taghha kontra s-sentenza tal-ewwel Qorti. Hi kellha tqajjem din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti appena inqratilha l-akkuza w dik il-Qorti kienet taghti l-provvediment taghha relattiv. ... ...*

*Barra minn hekk, imkien ma jirrizulta mill-atti li l-appellanti ma setghetx tiddefendi ruhha kontra l-akkuza migjuba kontriha minhabba n-nuqqas tar-rekwizit tad-data fic-citazzjoni. Jirrizulta car mill-provi li anke mill-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti kien*

[5] *Per* Imhallef Patrick Vella.

*gie maghruf liema kien iz-zmien jew data in kwistjoni w li kienet qed tirreferi ghalih l-akkuza, u, fil-fatt, l-appellanti, ghalhekk ikkontestat l-akkuza w anke gabet il-provi relattivi taghha li jirreferu ghal dan iz-zmien jew data rizultanti mill-provi."*

14. L-istess linja ta' hsieb gie segwit ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)[6] f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' mantenimernt fejn giet indikata data zbaljata tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-kawza **Il-Pulizija vs Emanuel Bugeja** deciza fl-14 t'Awwissu 2003, fejn gie ritenuto hekk:

*"Aggravju iehor ta' l-appellant hu fis-sens li l-imputazzjoni ssemmi kuntratt tat-23 ta' Mejju, 2002 meta ma jezisti ebda kuntratt b'dik id-data, u ma saret ebda korrezzjoni fl imputazzjoni. Dana l-aggravju hu, fil-fehma tal-Qorti, infondat. Id-data '2002' hi evidentement lapsus calami tal-ufficjal tal-Pulizija li rrediga l-imputazzjoni ... ... Inoltre l-provi kollha mismugha mill-Ewwel Qorti jirriferu ghall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Mejju, 2000 u kif gja inghid giet esebita anki kopja ta' dan il-kuntratt. ... ... Ghalhekk l-appellant , bhala imputat quddiem l-Ewwel Qorti , kien jaf perfettament tajjeb ghal ksur ta' liema obbligazzjoni kienet qed tirriferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk lanqas kien hemm lok ta' xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti ."*

15. L-istess jista' jinghad ghal kaz odjern. Huwa ovvju li anke mill-ewwel seduta, l-imputat, debitament assistit mill-avukat difensur tieghu, kien ben konsapevoli tal-imputazzjonijiet li kienu qeghdin jigu imputati lilu. In fatti, l-imputat ikkontesta l-imputazzjonijiet, u waqt l-ezami wiegeb li ma kienx hati. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma giet sollevata mid-difiza l-kwistjoni li d-data tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu kienet zbaljata, u/jew li l-imputat ma kienx jaf, jew li ma setghax ikun jaf, totalment jew parzjalment il-fatti li kienu qieghdin jigu imputati lilu, jew li b'xi mod id-dritt tieghu li jiddefendi ruhu kien qieghed jigi ippregudikat.

16. Ladarba d-dritt tal-imputat li jiddefendi ruhu ma gie bl-ebda mod pregudikat b'dan in-nuqqas fic-citazzjoni, la l-imputazzjonijiet u wisq inqas ic-citazzjoni ma jistghu jitqiesu bhala invalidi.

---

[6] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano

*<u>It-Tieni Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita taz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat.</u>*

17. Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta z-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat u li jinsabu ezebiti in atti, in vista tal-fatt li dawn iz-zewg stqarrijiet ittiehdu wahda fid-19 ta' Novembru 2012, u l-ohra fil-21 ta' Marzu 2013, fi zmien meta l-ligi taghna ma kienitx tipprovdi ghad-dritt ta' assistenza legali matul l-interogazzjoni. Dan id-dritt gie introdott biss permezz tal-Att LI tal-2016. Konsegwentement tqum il-kwistjoni jekk in vista tal-fatt li l-imputat ma kienx inghata l-opportunita li jkollu avukat prezenti waqt l-interrogazzjoni, l-istqarrija minnu rilaxxata kienitx leziva tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq, kif sancit fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

18. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Bugeja et** deciza fit-22 ta' Gunju 2022:

*"13. Illi huwa indubitat ... ... illi kien hemm evoluzzjoni fil-ġurisprudenza, kemm dik lokali kif ukoll Ewropeja dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, li tkun assistita minn avukat, bil-liġi qabel Frar tas-sena 2010, teskludi kompletament dan il-jedd. Din il-bidla fil-liġi wasslet sabiex il-qrati matul dawn l-aħħar snin issindikaw il-validita' tal-proċeduri penali u ċioe' jekk dawn setgħux ġew ivviżjati bil-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq tal-persuna akkużata meta din tkun irrilaxxat stqarrija mingħajr difiża adegwata, liema stqarrija sussegwentement tinġieb bħala prova fl-imsemmija proċeduri. Illi dan wassal għal fehmiet differenti espressi mill-qrati ta' kompetenza penali kif ukoll dawk kostituzzjonali u anke evoluzjoni fil-ħsieb tal-QEDB liema ħsieb imbagħad influwenza deċizjonijiet illi ġew wara s-sentenzi fil-każ Philippe Beuze vs il-Belġju (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018, u Farrugia vs Malta illi xi ftit jew wisq tbiegħdu mill-insenjament imfassla fid-deċiżjoni ta' Salduz u oħrajn. Illi f'dawn id-deċiżjonijiet il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"overall fairness of the proceedings" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq,*

*u dan wara li jiġi superat l-ewwel test, u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud.*

… …

*18. Illi allura, għalkemm l-Avukat Ġenerali jista' jkollu raġun fl-ilment minnu ventilat dirett lejn is-sentenza appellata, u għalkemm huwa minnu wkoll illi l-leżjoni tal-jedd għas-smigħ xieraq jista' jkun mistħarreġ unikament meta jintemm il-proċess penali fl-intier tiegħu, madanakollu qed tingħata direzzjoni lil qrati ta' ġurisdizzjoni penali mill-istess Qorti Kostituzzjonali sabiex din il-prova titwarrab mill-atti probatorji fl-interess tal-ġustizzja u għall-integrita' tal-proċess, bil-għan li ma jkunx hemm ir-riskju ta' leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Illi fil-fehma tal-Qorti dan għandu jseħħ iktar u iktar f'dan il-każ fejn ir-restrizjoni għal jedd tal-assistenza legali kienet waħda sistematika fejn fl-ebda stadju tal-istħarriġ, kemm dak tal-pulizija kif ukoll dak dwar l-in genere l-appellati ma kienu mogħtija difiża adegwata sabiex jiddefendu ruħhom mill-periklu tal-awto-inkriminazzjoni.*

*19. Illi llum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li l-fehma ta' din il-Qorti tkun konsoni mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom sub iudice. Dan għalkemm id-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġi fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha."*

19. Din il-Qorti kif preseduta taqbel perfettament ma' din id-direzzjoni li qed tigi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li huwa d-dover taghha li tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputat tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li potenzjalment jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq.

20. Konsegwentement, din il-Qorti se tiskarta dawn iz-zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat.

21. Il-Qorti izzid tosserva li t-tieni stqarrija, u cioe dik tal-21 ta' Marzu 2013, addirittura ittiehdet wara li mhux biss gew intavolati dawn il-proceduri, imma sahhansitra kienu bdew jinstemghu l-provi. Ghalkemm f'din it-tieni stqarrija l-imputat ghazel li ma jwiegibx ghad-domandi, din il-Qorti tqis, li anke ghal din ir-raguni, din it-tieni stqarrija ghandha tigi skartata.

<u>*Il-Meritu*</u>

*L-Ewwel Imputazzjoni – Serq Ikkwalifikat*

22. Fir-rigward tal-meritu, l-unika prova migjuba mill-Prosekuzzjoni li torbot lill-imputat mal-imputazzjonijiet odjerni, huwa r-rapport tal-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia. Dan l-espert ghamel ezami komparattiv bejn l-impronti elevati minn fuq il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ABM-918 nhar il-5 ta' Mejju 2005 mill-Maggur Edgar Dalli,[7] u l-impronti digitali tal-imputat u ikkonkluda hekk:

*"2. Illi l-impronti li jidhru zviluppati u elevati permezz tal-lifters dokumenti 05 BNS 301, 05, BNS 302, 05 BNS 303 u it-tieni (2) u t-tielet (3) impronti li jidhru zviluppati u elevat permezz tal-lifter dokument 05 BNS 304 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma setghux jsiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti mad-dokumenti RB 1 formula tal-impronti digitali u RB2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Reginald Bugeja, detentur tal-karta tal-identita numru 505272(M).*

*3. Illi l-ewwel (1) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 05 BNS 304 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Reginald Bugeja, detentur tal-karta tal-identita numru 505272(M).*

[7] Ara x-xhieda tal-Maggur Edgar Dalli a fol. 56 tal-process u r-rapport tieghu a fol. 58 tal-process. Il-Qorti tirrileva li PS659 Jeffrey Hughes ezebixxa wkoll *lifters* ohra ta' impronti digitali mehuda minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni NOQ 018, dwar serq li sehh fl-14 t'April 2005 (ara fol. 67 – 77 tal-process), liema serq u *lifters* m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' din il-kawza, u ghalhekk din il-Qorti ser tiskartahom.

4. *Illi r-raba' (4) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 05 BNS 304 giet ikkomparata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Reginald Bugeja, detentur tal-karta tal-identita numru 505272(M)."*

23. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *(1973) AC 729, p. 758 "works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta, tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank, ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero, jekk l-impronta tinstab fuq il-bieb tal-istrong room tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb."*

24. Din is-sentenza ta' **Noel Frendo** titratta impronti digitali misjuba fuq oggetti mobbli zghar misruqa minn hanut. Kien hemm zewg impronti fuq kaxxi tal-Parker u impronta fuq pakkett tat-tabakk tal-pipa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Dawn instabu fuq oggetti li kienu jew spustjati minn posthom u mqeghda f'kaxxa tal-kartun quddiem il-counter tal-hanut, presumibilment lesti biex jittiehdu 'l barra mill-hanut minn min poggihom f'dik il-kaxxa ... ... Dawn kjarament gew spustati mill-halliel jew hallelin, u kienu jikkonsistu f'oggetti, li skond l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija, huwa ma kellu ebda interess fihom. Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u*

[8] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustjathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni."*

25. Fl-istess sens, hu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza fis-17 ta' Settembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni s-segwenti awturi Inglizi:

*"**Blackstones** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) pagna 2311 – 2312) jghid testwalment hekk:*
*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

*Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348) jghid:*
*"A person may be identified by fingerprints alone." : **R. v. Castleton**, 3 Cr. App. R 74 CCA".*

26. Fis-sentenza ta' **Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid illi:

*"Prova indizzjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija. ... ...*

*Fil-process kriminali, fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b'xi prova li taghmel, tilhaq il-grad*

---

[9] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*tal-probabbli jew dik ta' x'aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f'dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

*Il-grad tal-possibbli la hu utili ghall-prosekuzzjoni u lanqas ghad-difiza."*

27. Id-difiza ma ipprovat taghti l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghaliex l-impronti digitali tal-imputat instabu fuq in-naha ta' barra tal-bieba tal-passiggier ftit il-fuq mill-pum tal-vettura misruqa[10] - proprju il-bieba li l-quarter window taghha giet imkissra sabiex il-halliel seta' jiftah il-vettura, u jisraq l-oggetti minn go fiha.[11] Din il-Qorti lanqas tista' issib xi raguni valida ghaliex l-imputat kellu ghalfejn imiss il-bieba tal-passiggier ta' din il-vettura, li kienet ipparkjata fit-triq fl-Imdina. Effettivament, ma hemm l-ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marki tas-swaba tieghu kellhom jinstabu fuq din il-bieba tal-vettura misruqa.

28. Konsegwentement, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat ma halliex il-marka tas-swaba tieghu fuq din il-bieba b'mod innocenti jew b'kumbinazzjoni, imma ghax kien hu li wettaq dan ir-reat ta' serq.

29. Fix-xhieda tieghu, Joseph Bartolo qal li mill-vettura insterqu dawn l-oggetti: jigger li kien jiswa tlett mija u ghoxrin Lira Maltija (LM320), dynamo machine li kien jiswa sittin Lira Maltija (LM60), hair drier tal-valur ta' hamsa u sittin Lira Maltija (LM65) u drill tal-ghamla Montabo tal-valur ta' mija u hamsa u tmenin Lira Maltija (LM185). Ghalhekk skond dan ix-xhud il-valur tal-oggetti misruqa jammonta ghal sitt mija u tletin Lira Maltin (LM630), illum ekwivalenti ghal elf erba' mija u seba' u sittin Euro u hamsin centezmu (€1467.50).

30. Ix-xhieda ta' Bartolo ma giet bl-ebda mod kontradetta, u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-veracita ta' din ix-xhieda.

---

[10] Ara r-rapport tal-Maggur Edgar Dalli a fol. 61 tal-process.
[11] Ara fol. 60 tal-process.

31. Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

*It-Tieni Imputazzjoni – Danni Volontarji lill-Vettura*

32. Bartolo xehed ukoll li l-bieba tal-vann kellha hsara ta' xi mija u tmenin Lira Maltin (LM180) – illum ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€419.29).

33. Pero fit-tieni imputazzjoni, l-imputat gie mixli li ikkaguna hsara li ma teccedix €116.47, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issibu hati li ikkaguna danni volontarji f'ammont ghola minn dak li gie mixli bih.

34. Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali kif kien in vigore fid-data li fih sehh ir-reat – u cioe qabel l-emendi maghmula bl-Att XXIV tal-2014.

*It-Tielet Imputazzjoni – Ksur ta' Ordni ta' Probation*

35. B'din it-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jigi mixli li kiser Ordni ta' Probation moghti lilu b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-24 ta' Settembru 2002. Pero l-Prosekuzzjoni naqset li tipprezenta kopja ta' din is-sentenza. Ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din it-tielet imputzzjoni, u ser jigi illiberat minnha.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Ksur ta' Ordni ta' Liberta Kondizzjonata*

36. Bir-raba' imputazzjoni, l-imputat qed jigi mixli li kiser Ordni ta' Liberta Kondizzjonata imposta fuqu b'sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-20 ta' Jannar 2003. Kopja awtentikata ta' din is-sentenza giet debitamentipprezentata mill-Prosekuzzjoni,[12] u l-konnotati tal-hati f'dik is-sentenza jaqblu ma' dawk tal-imputat

[12] Ara fol. 50 tal-process.

odjern, salv ghall-indirizz tar-residenza tieghu, li ovvjament jista' jitbiddel minn zmien ghal zmien.

37. Permezz ta' din is-sentenza, ghalkemm il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrieh wara ammissjoni tieghu stess, u illiberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett snin mid-data ta' dik is-sentenza. Ir-reati *de quo* gew kommessi fil-5 ta' Mejju 2005, u ghalhekk waqt il-perjodu operattiv ta' din l-ordni ta' liberta kondizzjonata.

38. Ghaldaqstant il-Qorti issib lill-imputat hati wkoll ta' din ir-raba' imputazzjoni.

*Il-Hames Imputazzjoni – L-Addebitu tar-Recidiva*

39. Il-Prosekuzzjoni ma ipprezentatx kopji ta' sentenzi sabiex tipprova dan l-addebitu tar-recidiva. Ghaldaqstant, l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' din il-hames imputazzjoni, u ser jigi illiberat minnha.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

40. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggornata tal-imputat hija wahda raffrettarja, u l-maggoranza assoluta tal-kundanni huma ghal reati ta' serq u abbuz tad-droga. Pero mill-fedina penali jidher ukoll li dawn ir-reati gew kommessi prattikament kollha sas-sena 2006, ghalkemm ghal raguni jew ohra s-sentenzi fuqhom gew decizi snin wara. Fil-fatt wara s-sena 2006, ghandu biss kundanna wahda ghal reat ta' vjolenza domestika kommess fl-2022.

41. Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa, li segwiet lill-imputat taht Ordni ta' Probation bejn l-20 ta' Marzu 2019 u l-20 ta' Marzu 2022, xehdet li l-imputat ikkopera maghha waqt dan il-perjodu ta' supervizjoni sabiex jindirizza l-problemi li kellu. Huwa deher li indirizza l-problema tal-abbuz ta' sustanzi illeciti li kellu. Huwa kien ukoll

f'relazzjoni stabbli, li kienet toffrilu support kbir f'hajtu. Pero hu ma kienx jahdem ghax gie *boarded out*.[13]

42. Ghalhekk jidher li wara perjodu ta' hdax (11)-il sena habs, dawn l-ahhar snin l-imputat ghamel sforz sabiex ibiddel hajtu, jitbieghed mill-abbuz tad-droga, u jidher li mixi fit-triq it-tajba. Ir-reati mertu ta' dawn il-proceduri gew kommessi fis-sena 2005, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ikun kontroproducenti li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva, u s-socjeta mhu ser tiggwadanja xejn billi jizdied terminu iehor ta' prigunerija li l-hati irid jiskonta. Il-Qorti jidhrilha li jkun iktar opportun, li l-isforzi tal-imputat biex jirrintegra ruhu fis-socjeta jigu rikonoxxuti u jinghata opportuna sabiex jibqa' jitbieghed mit-triq tal-kriminalita. Ovvjament jekk l-imputat juri li mhux denju tal-fiducja li qed tinghatalu billi jerga' ixxellef difrejh mal-gustizzja, jrid tiskonta l-piena ghar-reati li taghhom instab hati f'dawn il-proceduri.

43. Fl-ahharnett, il-Qorti tirrileva li ghalkemm hija sabet lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni u cioe li kiser l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata moghtija lilu b'sentenza tal-20 ta' Jannar 2003, mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat diga gie trattat ghal ksur ta' din is-sentenza tal-2003, b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, deciza fl-20 ta' Frar 2006, u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Mejju 2006. Fil-fatt l-imputat skonta sentejn prigunerija ghal ksur ta' din l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata. Ladarba l-imputat diga skonta l-piena ta' sentejn prigunerija ghar-reati li taghhom instab hati bis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2003, din il-Qorti ma tqisx li jkun opportun li hija terga' tittratta mal-imputat ghal ksur tal-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, u terga' teroga piena ohra ghall-istess reati. Konsegwentement, din il-Qorti ser tastjeni milli tittrata mal-imputat ghal ksur ta' din l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**Konkluzjoni**

44. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

[13] Ara xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa a fol. 186 tal-process.

1. Issib lill-imputat mhux hati tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnhom.

2. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c) u (g), 263(a), 267, 271(g), 279(a) u 278(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, kif kien vigenti fil-5 ta' Mejju 2004 - u cioe qabel l-emendi maghmula bl-Att XXIV tal-2014 – issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Wara li rat l-Artikoli 22 u 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati wkoll tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda ghar-ragunijiet fuq moghtija qed tastjeni milli tittratta mieghu ghall-ksur tal-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, b'sentenza tal-20 ta' Jannar 2003.

45. Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**